**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMINTAX**

**28 ta' SETTEMBRU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**18.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

18.1.1 Ġew approvati l-minuti tas-sittax –il seduta.

***18.2*** ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ U TAS-SOTTO KUMITAT ANZJANI***

18.2.1 Ġew approvati l-minuti tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

18.2.2 Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

18.2.3 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Anzjani.

*18.3* ***APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar***

18.3.1 Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 35 u 36.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiġbor aktar informazzjoni fuq item 5.1 tal-minuti tal-laqgħa 36.

*18.4* ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU***

18.4.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia fakkar lil dawk preżenti fl-attivita' li qed jaħdem fuqha l-Kunsillier Joseph D'Amato, dik ta' kunċert mill-orkestra taż-Żurrieq flimkien mal-kantanti li taw performance f'San Marino. Hu ħeġġeġ lil kulħadd jattendi.

Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa min kien mistieden li jarma bar/imwejjed għal waqt l-attivita'. Il-Kunsillier Joseph D'Amato, nforma li kienu mistiedna l-ħwienet/bars li jinsabu f'Misraħ Repubblika u minn dawn kienet is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM biss li ma rrispondietx għas-sejħa. Hu żied jgħid li ġew mistiedna dawn biss minħabba li l-attivita' ser tinżamm fil-Misraħ.

18.4.2 Is-Sindku nforma li għandu nformazzjoni li l-Gvern Ċentrali ser jieħu ħsieb it-tisbieħ tar-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto u li ser issir laqgħa mal-perit li ser jieħu ħsieb it-twessieh ta' Vjal ix-Xarolla.

F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kenneth Farrugia (ħin 18:15)

18.4.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-40 mużiċist li qed jieħdu sehem fl-orkestra ilhom xhur jagħmlu rehersals bla ħlas u għalhekk hu flimkien mas-sotto kumitat tiegħu qed jissuġġerixxu li lil dawn il-mużiċisti jingħataw apprezzament. Kien hemm qbil li tiġi organizzata ħarġa bl-ikel, li tiswa €15 –il persuna fejn tali mużiċisti ma jħallsux għaliha. Tali ħarġa ser tkun fil-Mellieħa.

18.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti:

- hemm bżonn issir rampa u jitneħħa parkeġġ

quddiem dar numru 79 fi Triq il-Kbira minħabba li hemm residenta anzjana li tuża s-siġġu tar-roti u ma tkunx tista toħroġ u tidħol fir-residenza tagħha. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu l-parir tal-perit fuq dan.

- Persuna li toqgħod Aunties house fi Triq San Bartilmew, ilha snin titlob li jiġi rranġat quddiem ir-residenza tagħha minħabba li joqgħod l-ilma. Kien hemm qbil li jintbagħtu ħaddiema tal-IPSL biex jirranġaw il-każ.

18.4.5 Is-Sindku nforma li fis-16 ta' Ottubru, anzjan miż-Żurrieq – is-Sinjura Carmena Saliba tagħlaq 100 sena. Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtrilha bukkett fjuri.

### *18.5 Miss Zurrieq*

18.5.1 Is-Sindku laqa' lis-Sinjorina Charmaine Bugeja li qed tirrappreżenta liż-Żurrieq fil-konkors ta' Miss Malta. Dan l-avveniment ser isir fis-26 ta' Novembru.
Charmaine Bugeja ġiet preżentata b'bukkett fjuri u ħadet ritratti mas-Sindku u mal-Kunsill.

Il-Kunsill awguralha kull suċċess.

### *18.6 ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV*

18.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsilli Lokali huma ordnati li jaħtru persuna biex tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Din il-persuna tista tkun jew Segretarju Eżekuttiv minn Kunsill Lokali ieħor,jew persuna li bħalissa tinsab fil-pool tas-Segretarji Eżekuttivi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet lis-Sinjura Francesca Camilleri li bħalissa tokkupa l-kariga ta' Assistent Prinċipal fil-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u li tinsab fil-pool tas-Segretarji Eżekuttiv.

Kien hemm qbil fuq dan.

Din in-nomina ser titressaq għall-approvazzjoni tal-Ministru kkonċernat.

### *18.7 Bandiera/Fistun waqt il-purċissjonijiet*

18.7.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li fil-purċissjoni ta' Santu Rokku kien hemm min ilmenta li l-fistun jew il-bandiera ma telgħux fuq l-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-fistun jitla biss fil-ġranet tal-festi tar-raħal.

Kien hemm qbil li l-fistun jitla f'dawn il-ġranet:

- Fl-ewwel tas-sena
- Festa tal-Madonna tal-Karmnu
- Festa ta' Santa Katarina VM
- Fil-Milied

Il-bandiera titla:

- filgħodu, fil-jiem li jitla l-fistun u fil-ġurnata tal-attivita' tal-preċett fiż-Żurrieq.
- Meta jiġi l-President ta' Malta fiż-Żurrieq
- U meta l-Kunsill ikun mitlub li jagħmel dan mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

***18.8 Proġett – Dog Park***

18.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet pjanta li ħejja l-Perit William Lewis. Hi nfurmat li din il-ġimgħa saret laqgħa mal-Onorevoli Roderick Galdes fuq il-proġett, imma nfurmana li qabel jagħtina l-għajnuna tal-Ministeru, l-Kunsill għandu jkun ċert li l-aġġlikazzjoni tal-proġett ser tintlaqa' mill-Planning Authority minħabba li ż-żona hi ODZ. Il-Perit tal-Kunsill issottometta l-applikazzjoni lill-PA.

L-għajnuna ser tkun billi l-Kunsill jixtri l-materjal meħtieġ u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Ministeru.

***18.9 Proposta dwar investiment għall-pitch tal-boċċi fl-akwata tal-Bebbux.***

18.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet pjanta li ħejja l-perit William Lewis fuq proġett ta' outdoor gym u ġabret kwotazzjonijiet ta' equipment.

Kien hemm qbil mal-pjanti tal-perit u għalhekk issa jmiss li Sports Malta tkun infurmata. Kif il-Kunsill ikollu konferma li l-art ser tingħatalu b'kirja jkun jista jibda l-proċess tat-tender.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 19:00)

***18.10 Vjal ix-Xarolla – Triq distributorja u mhux residenzjali***

18.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellha mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Safi, kien hemm qbil li ż-żewġ Kunsilli jiftehmu u jitkellmu ma' Transport Malta biex Vjal ix-Xarolla u Triq il-Kuċċard ikunu toroq distributorji, dan sabiex l-ispejjeż ta' manutenzjoni jkunu f'idejn il-Gvern Ċentrali u mhux f'idejn il-Kunsilli Lokali.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

***18.11 Approvazzjoni:Xogħlijiet u Servizzi***

18.11.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li ġiet infurmata li l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu avviċinaw lill-Blood donation unit biex fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-175sena minn meta l-vara tal-Madonna tal-Karmnu waslet ir-raħa, jħeġġu lir-residenti biex jagħtu d-demm u tingħatalhom tifkira tal-okkażjoni. Hi qalet li saret laqgħa bejn il-fratellanza, l-Arċipriet u rappreżentanza tal-blood donation unit mingħajr il-Kunsill kien infurmat. Dan meta s-servizz jingħata bl-elettriku tal-Kunsill u quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Rita Grima ġiet nfurmata ukoll li ġiet mitluba lista tal-persuni li jkunu ser jgħatu d-demm u hi nfurmat li dik hi kontra d-data protection act u li din issa mhux ser issir. Hi nfurmat li ser issir laqgħa oħra bejn il-parteċipanti u ser tattendi hi ukoll f'isem il-Kunsill Lokali.

18.11.2 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li fuq face book tpoġġa video tal-ħmieġ tal-klieb fi Vjal il-Blue Grotto. Hi ssuġġeriet li jitwaħħal bin u tabelli biex inaqsu dan l-inkonvenjet lir-residenti. Kien hemm qbil li bin ġdid jitwaħħal fi Vjal il-Blue Grotto kantuniera ma' Triq l-Imqabba fis-soft area tas-service road.

18.11.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qara ittra li ġiet miktuba lilu minn tifel ta' seba' snin Guzeppi Schembri fejn ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jagħmel tabelli biex vetturi jsuqu b'kawtela ħalli ma joqtlux qniefed li jkunu għaddejjien fl-akwata tal-ġnien tal-ġibjun. Kien hemm qbil li tali tabelli jsiru.

18.11.4 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill Ħal Safi ftit tal-ġimgħat ilu reġa ressaq it-tabella 'Merħba Ħal Safi' aktar fil-konfini taż-Żurrieq. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jordna t-tabella 'Merħba Żurrieq' għax din iċċarat ħafna u jinstallha fejn kienet imwaħla qabel ma inqalgħet mill-Kunsill Ħal

Safi. Hu żied jissuġġerixxi li l-Kunsill Żurrieq jikteb lill-Kunsill Ħal Safi bil-proposta u issa li s-Sindku tal-Kunsill Ħal Safi hu persuna raġonevoli tkun tista ssir diskussjoni.
Kien hemm qbil li t-tabella 'Merħba Zurrieq' titressaq fejn kienet oriġinarjament qabel qalahha l-Kunsill Ħal Safi u ma kienx hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Kunsill Ħal Safi biex ikun avżat, minħabba li meta l-istess kunsill qala t-tabella taż-Żurrieq, dan għamlu mingħajr konsultazzjoni.
F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Jean Pierre Attard ( ħin 19:25)

18.11.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn koppja minn Comune di Pedara fi Sqallija, fejn urew ix-xewqa li jsir ġemellaġġ bejn iż-żewġ irħula. L-affarijiet komuni bejn iż-Żurrieq u l-Comune di Pedara huma:

- Il-Knisja Arċipretali u l-bażilika tagħhom iddedikati għal Santa Katarina VM
- Pittura ta' Mattia Preti fil-knejjes tat-tnejn
- l-istemma tal-Comune di Pedara għandha l-forma tas-salib ta' Malta

Kien hemm qbil li l-informazzjoni mgħotija tkun ikkupjata lill-kunsill kollu u jkomplu taħdidiet biex tinkiseb aktar informazzjoni.

18.11.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex il-Kunsill ipoġġi l-magna tad-defibrillator f'post li tista tintlaħaq minn kulħadd 24/7.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb lill-ispettur il-ġdid biex taċċetta din il-magna fl-għassa minħabba li tkun miftuħa 24/7. Jekk l-ispettur ma taċċettax, il-Kunsill għandu jġib permess biex din titwaħħal mal-faċċata tal-għassa fuq barra.

18.11.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex il-Kunsill jikteb lill-Kunsilli Lokali ta' wara l-mina biex flimkien jagħmlu laqgħa u jiddiskutu l-bżonnijiet tal-irħula bħal ma huma:

- dar għall-anzjani jew night shelter
- health centre 24/7 bħal ta' postijiet oħra
- pool li jintuża bi ħlas mir-residenti
- immaniġjar tat-traffiku u toroq bit-tarmak (Triq Ħal Far)

Kien hemm qbil fuq dan.

18.11.8 Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lill-Gvern Ċentrali talli ser jibda l-proġett ta' Vjal ix-Xarolla u tal-proġett li tlesta fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Hu ssuġġerixxa li issa li l-Gvern wasal fl-aħħar tal-leġislatura tiegħu għandu jikteb ittra lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Finanzi u lill-kandidati kollha tad-distrett fejn jurihom l-bżonn urġenti li għandu ż-Żurrieq fuq dawn iż-żewġ punti:

- Wiċċ ġdid ta' Triq Ħal Far
- U espropjazzjoni ta' dar li tinsab fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq il-Kunċizzjoni, sabiex titwessa t-triq u ma tibqax ta' periklu għas-sewwieqa.

Kien hemm qbil li tali ittra jiktbu draft tagħha l-Kunsilliera Dr JP Attard u Dr Tiffanny Ann Farrugia.

18.11.9 Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab biex isiru double yellow lines fil-kantunieri ta' Vjal l-Indipendenza ma Triq il-Kunċizzjoni u titnaddaf jew tinbidel il-mera li hemm.
Kien hemm qbil fuq dan.

18.11.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li Ġnien il-Bennej qed ikun użat ħażin u jiġi vvandalizzat minn tfal żgħażagħ li jilgħabu l-ballun u bir-roti wara l-16:30.
Kien hemm qbil li jsir raport l-għassa u tissewwa l-ħsara li qed issir.

18.11.11 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa meta jmiss li joħroġ il-Kunsill News. Is-Sindku wieġeb li fil-Kunsill kien hemm qbil li l-Kunsill News jinħareġ darba fis-sena u darba oħra jinħareġ il-kalendarju li jaħdmu fuqu s-sotto kumitat Kultura u turiżmu.

Il-Kunsillier Dino Bonnici talab lis-Segretarju Eżekuttiv tfittex meta l-Kunsill kien iddeċieda hekk.

18.11.12 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm żewġ bollards ħomor imkissra, fi Triq il-Ħaddiema faċċata ta' Terminus Bar, jeħtieġ li jinbidlu.

Kien hemm qbil fuq dan.

***18.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI***

18.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€37,102.94.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet

iffirmata mis-Sindku, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia.

***18.13 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS***

18.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26ta' Ottubru, 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ 26 ta' Ottubru, 2016.

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |